# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 5**

**Citaz. Nru. 1524/94 GC**

**Carmelo Micallef u martu Agostina Micallef**

**vs**

**John Pisani u Charles Pisani ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' J. & C. Pisani Limited**

**Il-Qorti;**

**<u>L-att tac-citazzjoni</u>**

L-atturi pprocedew kontra l-konvenuti nomine bis-segwenti att tac-citazzjoni:-

> "L-atturi ppremettew:-
>
> Illi fil-11 ta' Marzu 1994 l-attur li kien impjegat bhala *fork lift driver* mas-socjeta' konvenuta, waqt li kien qieghed fuq xoghlu fil-*cold stores* il-Marsa, waqt li kien qed igorr xi merce (laham frizat), wegga gravament f'rasu u ghonqu meta waqqghet *pallet* fuq rasu wara li hu u siehbu fuq ix-xoghol caqalqu xi laham frizat li mieghu kienu qed jistriehu xi *pallets* ad insaputa tieghu, minn taht;

Illi kagun tal-griehi ta' natura gravi li garrab huwa sofra danni konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans, tant illi qed ibati minn debilita' ta' natura permanenti;

Illi ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali jahtu l-konvenuti nomine minhabba imprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet il-konvenuti nomine ma resqux biex jaghmlu tajjeb ghad-danni imsemmija;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti nomine jghidu ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti:-

1. tiddikjarahom responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni konsegwenzjali li sofra l-attur;

2. tillikwida dawn id-danni, occorrendo l-opra ta' perit nominand;

3. tikkundannahom ihallsu s-somma hekk likwidata lill-attur.

Bl-ispjjez inkluzi tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Gunju, 1994 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti."

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Il-konvenuti nomine hekk eccipew ghat-talbiet attrici:-

"L-incident de quo gara unikament tort tal-attur Carmelo Micallef li ma hax hsieb li inehhi il-pallets li kien hemm mal-hajt qabel beda icaqlaq ix-xoghol, liema palletts kienu vizibbli u hu kien jaf bihom ghax dik kienet is-sistema tax-xoghol li kienu juzaw l-istess haddiema fl-istores u ghalhekk is-socjeta' konvenuta mhux responsabbli ghad-danni u illi subordinatament l-attur illum jinsab imfejjaq ghal kollox u ma ghandu ebda disabilita' permanenti li ghaliha jista' jitlob kumpens Hu' baqa jithallas il-paga waqt l-injury leave sakemm gie imkecci mill-impjieg wara li rrifjuta li jerga' jidhol ghax-xoghol meta giet certifikat medically fit for work mit-tobba tas-socjeta' konvenuta."

## Decide

B'sentenza tas-16 ta' April, 1999 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi ddikjarat lis-socjeta' konvenuta responsabbli kwantu ghal 50% ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegewnzjali li sofra l-attur, llikwidat dawn id-danni komplessivi fis-somma ta' elfejn disa mija u hamsin u sebghin Liri Maltin (Lm2,975) u konsegwentement ikkundannat lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur din l-istess somma in linea ta' danni. L-ispejjez kollha kellhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

## Motivazzjoni tas-sentenza appellata

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "L-attur Carmelo Micallef kien impjegat mas-socjeta' konvenuta bhala xufier tal-*fork lifter* u *labourer*. Fil-11 ta' Marzu 1994, meta l-attur kien ilu f'dan l-impieg circa sentejn u meta huwa kien fuq xoghlu, sehh incident fejn waqghet *pallet* fuqu. Bhala konsegwenza tal-istess incident l-attur wegga' f'rasu u ghonqu. L-attur isostni li kagun il-griehi li garrab f'dan l-incident huwa xofra debilita ta' natura permanenti u ghalhekk sofra danni. L-atturi qed isostnu li s-socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghal dan l-incident u ghall-imsemmija danni konsegwenzjali;
>
> Is-socjeta' konvenuta da parti taghha ssostni li l-incident in kwistjoni kien dovut unikament ghan-negligenza u nuqqas ta' prevvigenza tal-attur u illi l-attur ma sofrix debilita permanenti;
>
> Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur u impjegat iehor, certu Frankie Farrrugia, fil-gurnata in kwistjoni gew mghotija l-ordni biex jghabbu laham, li kien stivat fil-friza. Dan il-laham kien stivat fl-gholi ta' bniedem u kien imtarrag, cioe' iktar ma titla' l-fuq aktar jonqos il-laham. L-attur u l-impjegat l-iehor bdew jghabbu minn

fejn kien l-aktar gholi. Mal-genb kien hemm stivat aktar laham li kien jibqa' tiela sas-saqaf;

Wara li kienu ilhom jghabbu xi hames (5) minuti, waqghet *pallet* fuq l-attur. Din kienet *pallet* minn fost diversi li kienu mqeghdin bejn il-hajt u l-laham. Dawn kienu weqfin wahda fuq l-ohra ghall-ventilazzjoni tal-istes laham. Jirrizulta li hi prattika kostanti li jitqieghdu *pallets* sabiex il-laham ikun ventilat u hi l-prattika ukoll li meta jitnehha l-laham jibdew ukoll jinkixfu l-*pallets* u l-istess *pallets* li jinkixfu jitnehhew u dana sabiex jigi evitat li jaqghu fuq xi hadd. Jidher li l-*pallets* li kien hemm mal-hajt ma kienux tnehhew, meta tnehha xi laham mill-friza f'xi zmien qabel;

Mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta illi l-attur ghandu jigi ritenut in parte responsabbli tal-incident in kwistjoni. Difatti jirrizulta illi l-attur kemm kien ilu f'dan l-impieg kien dejjem ghamel l-istess tip ta' xoghol li kien qed jaghmel meta sehh l-incident. L-attur stess jghid li huwa assuma li ma kienx hemm *pallets* mal-hajt u inoltre jammetti li kien hemm dawl bizzejjed tant li huwa kien qed jara sew dak li kien qed jaghmel. L-impjegat li kien qed jahdem mal-attur ukoll jikkonferma li fil-friza kien hemm dawl bizzejjed;

Is-socjeta' konvenuta ukoll ghandha tigi ritenuta responsabbli in parte u dana peress li ma jirrizultax li pprovdiet lill-attur dak l-ilbies necessarju meta kien qed isir dak it-tip ta' xoghol. B'mod partikolari s-socjeta' konvenuta naqset li tipprovdi lill-attur *helmet* adegwat sabiex huwa jkun protett fix-xoghol li kien qed jaghmel. Ghalhekk ma jirrizultax b'mod sufficjenti li l-attur dakinhar ta' l-incident gie moghti ilbies protettiv adegwat. Inoltre jirrizulta li ma kien hemm hadd specifikatament inkarikat mis-socjeta' konvenuta sabiex jivverifika jekk jkunux tnehhew il-*pallets* minn xoghol precedenti;

In vista ta' dan kollu s-socjeta' konvenuta ghandha titqies li ghandha il-hamsin fil-mija (50%) tar-responsabilita' ghar-rigward tal-incident in kwistjoni;

Ghal dak li jirrigwarda l-quantum tad-danni, relattivament ghal "lucrum cessans", jigi rilevat li hu pacifiku li dawn ghandhom jigu komputsti skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in esami. Kwantu ghal-likwidazzjoni ta' dawn id-danni jidher illi dak iz-zmien l-attur kellu "grosso modo" paga ta' Lm65 fil-gimgha cioe' circa Lm3120 fis-sena. Peress illi bhala l-effett tal-inflazzjoni t-tendenza hi li fil-futur il-pagi jizdiedu, jidher illi bhala bazi tal-multiplier l-aktar figura indikata hi dik ta' Lm3500 fis-sena;

Jirrizulta li l-attur meta sehh l-incident kellu tletin (30) sena u ghalhekk hu ragjonevoli li l-*working life expectancy* fil-kaz tieghu ghandha tkun ta' hamsa u ghoxrin (25) sena;

L-espert mediku kkonkluda li l-attur sofra disabilita permanenti kalkolabbli ghal 8%. Ma jirrizulta xejn li jista' jgieghel li jkun hemm xi varjazzjoni f''din il-konkluzjoni. Peress li d-danni li ser jigu likwidati ser jihallsu f'pagament wiehed u mhux tant fis-sena u in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghandu jitnaqqas mis-somma li ser tigi likwidata bhala danni hmistax fil-mija (15%) tal-istess somma;

Kif gia' gie rilevat is-socjeta' konventua ghandha titqies responsabbli ghall-50% tad-danni sofferti mill-attur u ghalhekk ghandhom jigu likwidati favur l-attur lucrum cessans ta' Lm2975 u cioe – Lm3500 x 25 (sena) x 8% (dizabilita' permanenti) – 15% (lump sum payment) x 50% tar-responsabilita = Lm2,975;

Ghar-rigward ta' danni ohra l-attur naqas li jipproduci xi tip ta' prova. F'dan ir-rigward jista' jinghad ukoll illi jirrizulta illi l-attur baqa' jippercepixxi l-istess salarju li kien idahhal meta sehh l-incident;

Ghalhekk id-danni sofferti mill-attur u li ghalihom hi responsabbli s-socjeta' konvenuta ghandhom jigu likwidati fis-somma komplessiva ta' elfejn disa mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm2,975)."

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

Minn din is-sentenza appellaw kemm l-atturi kif ukoll is-socjeta' konvenuta. Fiz-zewg appelli l-kontestazzjoni hi kemm fir-rigward tar-responsabilita' ghall-akkadut kif determinata mill-Ewwel Qorti kif ukoll fir-rigward tal-quantum. Jidher allura illi l-mertu kollu taz-zewg appelli jista' jigi trattat minn din il-Qorti kontestwalment il-ghaliex il-konkluzjonijiet taghha jkunu japplikaw kemm ghall-appell principali kif ukoll ghall-appell incidentali.

**Dwar ir-responsabilita'**

Din il-Qorti regghet ezaminat sewwa l-kwistjoni tar-respponsabilita' fid-dawl ta' l-aggravju lilha sottomess mis-socjeta' appellanti tal-provi kif jirrizultaw provati u tas-sottomissjonijiet dwarhom. Din il-Qorti waslet ghall-konvinciment illi dan l-aggravju kien in parte gustifikat in kwantu ma jidrilhiex illi hu gust illi r-responsabilita' ghall-incident tigi diviza b'mod ugwali bejn l-attur impjegat u s-socjeta' konvenuta li kienet thaddmu. Il-Qorti waslet ghall-konvinciment illi l-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident kienet in-negligenza u traskuragni ta' l-istess attur fil-mod kif qeda l-inkarigu lilu moghti li jittrasporta kwantita' ta' laham mill-*cold store*. Jirrizulta provat illi bi ftit attenzjoni da parti ta' l-attur u anke tal-haddiem li mieghu kien qieghed jahdem, l-incident ma kienx jigri. Dan proprju ghaliex l-elementi kollha fl-operazzjoni ta' xoghol li kien qieghed jikkonduci l-attur kienu mhux biss maghrufa lilu minhabba l-esperjenza li kellu ghal bosta xhur f'dan it-tip ta' xoghol; mhux biss ghaliex hu kien a konoxxenza tas-sistema kif kienu jahdmu l-istess xoghol ghall-istess haddiema skond l-arti u s-sengha imma wkoll, u dan hu iktar importanti, ghaliex ma kien hemm l-ebda element mistur li seta' b'xi mod issorprenda lill-attur waqt li kien qieghed jaghmel xoghlu. Jirrizulta nfatti illi l-livell tal-laham mill-munzell mnejn kellu jiehu t-tabghija, ma kienx jissupera l-gholi ta' bniedem. Dan ifisser illi kien hemm kemm kien hemm *pallets* mal-hajt – u dana ma jirrizultax provat

l-gholi taghhom – dawn kienu *in plain view*. L-attur u siehbu setghu jarawhom, kien messhom rawhom u jekk rawhom kien messhom nehhewhom ghaliex huma kienu jafu - u dan iddikjarawh - illi setghu altrimenti joholqu perikolu. Il-fatt li dan ma ghamluhx u volontarjament hadu r-riskju li jkomplu jahdmu billi jitrasportaw il-laham mill-munzell minghajr ma qabel inehhu l-*pallets*, necessarjament jghabbi lill-attur bir-responsabilita' ghall-akkadut.

L-attur infatti hu kkundannat bix-xhieda tieghu nnifsu meta jghid:-

> "Ghar-rigward tal-*pallets* jiena mhux ma stajtx narahom izda jiena ma haristx lejn dawn il-*pallets* u ma kelliex ghalfejn inhares lejhom … … Nerga' nikkonferma li li kieku harist 'il fuq, il-*pallets* kont narahom."

Dan hu evidenti mill-fatt li gie pprovat li l-gholi tal-laham ma kienx jissupera l-gholi ta' bniedem waqt illi l-attur kien qieghed inizzel il-laham biex jaghmlu fuq il-*fork lifter*.

Frank Farrugia li kien jahdem ma' l-attur jikkonferma meta jixhed:-

> "Qabel ma bdejna nahdmu la jiena u lanqas Micallef ma rajnihom dawn il-*pallets* (weqfin mal-hajt) <u>ghax kieku rajnihom konna nnehhuhom ghaliex nafu li kienu jaqghu</u>."

Din il-Qorti lanqas tista' taqbel mas-sottomissjoni ta' l-attur fl-appell incidentali illi hu ma setghax "jigi inkolpat ghaliex ma harisx 'il fuq ghax l-azzjonijiet li kien qed jaghmel biex inehhi l-*pallets* huma ripetittivi u kif jigri waqt l-azzjonijiet simili dawn isiru mekkanikament u certament

ebda haddiem ma hu se joqghod ihares ‘il fuq qabel ma jnehhi kull *pallet* li jkun hemm biex titnehha”.

Apparti l-fatt li dan l-aggravju hu zmentit mill-istess dikjarazzjonijiet ta’ l-attur u siebu li jinsistu huma stess illi li kieku raw il-*pallets* kien ikun id-dover taghhom li jnehhuhom proprju ghaliex kienu jafu li kienu jikkostitwixxu perikolu, il-Qorti ma tistax taqbel li dan l-aspett ta’ l-operazzjoni ta’ xoghol seta’ jitqies li kien ripetittiv. Dan ghaliex huwa ovvju illi fil-waqt li hekk seta’ jitqies li kien il-garr tal-laham minn fuq il-munzell ghal fuq il-*fork lifter,* mhux l-istess jista’ jinghad ghall-*pallets* weqfin mal-hajt ghax dawna kienu jikkostitwixxu numru limitat li wiehed kien obbligat li jnehhihom man mano li jkun niezel bix-xoghol. Issa, jekk il-fatti setghu ikunu interpretati fis-sens illi haddiema ohra li hadmu qabel l-attur ma kienux nehhew il-*pallets* weqfin mal-hajt huma u nezlin bil-hatt tal-laham f’munzelli li spiss kien jilhaq il-livell tas-saqaf, dan ukoll ma kellux jiggjova lill-attur ghaliex aktar ma kien skopert in-numru ta’ *pallets* sal-livell fejn kien sab il-laham l-attur, aktar kien jinkombi fuqu l-obbligu li jassigura li dawk il-*pallets* ikunu tnehhew qabel jibda jahdem.

Issa, fil-waqt li hu minnu illi min ihaddem kellu l-obbligu li jipprovdi *a safe system of work*, kellu d-dover illi jassigura li x-xoghol ikun qieghed isir taht is-supervizjoni ta’ persuni kompetenti u kellu wkoll id-dover illi jipprovdi protezzjoni adegwata f’dak li hu lbies u attrezzi ohra, dan ma

jfissirx illi min jahdem ma kellux hu wkoll l-obbligu illi jahdem b'diligenza u b'attenzjoni b'mod li ma jipprovokax hu stess incidenti illi bi ftit attenzjoni u galbu setghu jigu evitati. Li laqghet il-Qorti f'dan il-kaz kien is-semplicita' ta' l-operazzjoni li kienu qed jaghmlu l-attur u siehbu, l-inevitabilita' tar-riskju jekk wiehed ma jiehux prekawzjoni elimentari u li dan kollu kien facilment afferrabbli u prevedibbli lil min kien qieghed jahdem. Tant hu hekk illi l-istess attur u siehbu ma setghux ma jirrikonoxuxx illi bi ftit attenzjoni u li kieku hadmu bl-istess sistema li kienu mistennija li jahdmu u li kienu ilhom jimpjegaw iz-zmien, l-incident ma kienx jigri.

Il-haddiem allura ma kienx intitolat li jiehu riskji bla bzonn fl-ezekuzzjoni tax-xoghol fdat f'idejh. Fil-waqt li hu veru illi hemm cirkostanzi fejn it-tehid ta' tali riskju jista' jigi spjegat u gustifikat minhabba n-natura tax-xoghol ripetittiv jew minhabba apprezzament zbaljat ta' x'kellu jsir fil-mument, hemm imbaghad cirkostanzi ohra fejn it-tehid ta' tali riskju ma jkun bl-ebda mod gustifikat ghax ikun jammonta ghal negligenza u traskuragni fuq il-lant tax-xoghol. Kulhadd allura kien mistenni illi dak li jaghmel jezercita l-kura ragjonevoli ta' bonus pater familias. Il-Qorti kienet sodisfatta illi r-responsabilita' ghas-sinistru kellha tigi akkollata fuq l-attur.

Jonqos biss x'jigi konsidrat jekk setghax jitqies illi s-socjeta' konvenuta kkontribwiet ghal dak is-sinistru. Din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi

s-socjeta' konvenuta setghet tigi meqjusa responsabbli li kkontribwiet ghas-sinistru fi grad pero' anqas minn dak stabbilit mill-Ewwel Qorti. Issib illi s-sistema ta' kif kien qieghed jigi storjat il-laham fil-*cold stores* anke jekk kien dak allura accettat bhala l-mod normali u skond is-sengha ta' kif laham iffrizat kellu jigi mahzun f'*cold stores*, ma kienx wiehed *safe*. Jidher infatti li l-unika raguni ghaliex tintuza s-sistema illi jitwaqqfu l-*pallets* mal-hajt u jittellghu man mano li jkun qieghed jigi stivat il-laham, kien biex jassigura li jkun hemm cirkolazzjoni ta' l-arja. Issa, din il-Qorti tifhem illi kien teknikament facli illi dan l-istess rizultat mixtieq jigi accertat b'sistemi ohra kif il-laham ikun maqlugh 'il barra mill-hajt u allura jigi ventilat. Sistemi alternattivi li jkunu permanenti u allura jevitaw ir-riskju illi jigri dak li fil-fatt gara fil-kaz taht ezami. Il-Qorti tifhem illi wara l-incident kulhadd huwa gharef pero' tapprezza wkoll illi s-sistema li kien uzat u li forsi ghadu uzat illum fl-istivar tal-laham, kien konsidrat *safe* naturalment jekk wiehed jassigura illi l-*pallets* weqfin jitnehhew appena jigu skoperti mil-laham stivat. Min ihaddem pero' kellu jassigura *a safe system of work* anke kontra d-dizattenzjoni jew in-negligenza ta' l-impjegati. Jekk xejn ghaliex ma kienx eskluz illi *pallet* taqa' u twegga' impjegat anke jekk dak ikun attent u diligenti fil-mument meta jkun qieghed inizzilha.

F'dan is-sens limitat allura, il-Qorti tikkonsidra illi kien hemm nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta in kwantu ma pprovdietx *a safe system of work* u li dan ikkontribwixxa ghall-akkadut ghaliex ippremetta li l-*pallet*

taqa' fil-mument meta' l-attur u siehbu bdew jizmontaw il-laham. Ghall-bqija ma hemm l-ebda prova illi l-incident gara jew gie aggravat minhabba l-fatt - allegat u mhux provat – illi l-attur ma kellux elmu jew ilbies iehor protettiv. Lanqas jista' jkun hemm nuqqas kif ravvizat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata billi ma kienx hemm supervizjoni adegwata. Din il-Qorti tqis li l-operazzjoni ta' xoghol li l-attur u siehbu kienu qeghdin jaghmlu bhala wahda rundimentali li ma kienet tehtieg l-ebda supervizjoni specjali una volta l-istess haddiema kienu ben konxji ta' l-implikazzjonijiet u riskji li kien hemm f'dak it-tip ta' xoghol. Kienu jafu ezattament x'kellhom jaghmlu biex jevitaw kull riskju u kienu ilhom jaghmlu dak it-tip ta' xoghol ghal diversi xhur.

Din il-Qorti sejra tvarja l-grad ta' responsabilita' tal-kontedenti billi takkolla terz ta' responsabilita' fuq is-socjeta' konvenuta u zewg terzi fuq l-attur.

**<u>Likwidazzjoni tad-danni</u>**

Il-kontendenti wkoll ma qablux mal-likwidazzjoni tad-danni. Din il-Qorti ezaminat il-kriterji li applikat l-Ewwel Qorti u fic-cirkostanzi ma ssibx raguni ghaliex ghandha tvarja l-apprezzament li ghamlet. Certament is-sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta illi xejn ma kien dovut ghar-raguni illi l-attur kien sab impjieg b'rimunerazzjoni ghola ma' ditta ohra, ma jistax jigi accettat ghar-raguni semplici illi d-debilita' permanenti kienet fattur oggettiv li kellu jigi tradott f'danni reali li jimpedixxi lill-vittma

milli jespleta l-istess funzjonijiet u attivitajiet lavorattivi li kien possibbli ghalih li jespleta qabel l-incident.

Din il-Qorti allura sejra tikkonferma l-ezercizzju li ghamlet l-Ewwel Qorti fil-likwidazzjoni tad-danni b'dan pero' illi fid-dawl tal-konkluzjoni taghha fir-rigward tar-responsabilita', timmodifika l-quantum tad-danni ghat-terz ta' responsabilita' akkollata lis-socjeta' konvenuta. Dan iwassal ghall-ammont komplessiv ta' Lm1,983.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appelli billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli kwantu ghal terz ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali li sofra l-attur, filwaqt illi l-istess attur qed jigi ritenut responsabbli ghal zewg terzi. Tillikwida d-danni sofferti li ghalihom kienet responsabbli s-socjeta' konvenuta fis-somma komplessiva ta' Lm1,983 u tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-attur din is-somma li qed tigi hekk likwidata in linea ta' danni. F'dan is-sens, din il-Qorti qed tiddisponi kemm mill-appell principali kif ukoll mill-appell incidentali.

L-ispejjez kollha tal-kawza kellhom jithallsu kwantu ghal zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-atturi u kwanti ghal terz ($^{1}/_{3}$) mis-socjeta' konvenuta.

Dep/Reg
cb